# MISSIRIJIETNA U AĦNA

Jixxiebhu l-Maltin tal-lum mal-Maltin ta' dari? Hawn min igħid le u hawn ukoll min igħid iva. Mingħalija jidhirli li għad nistgħu nħabbtuha ma' missirijietna f'aktar minn ħaġa waħda; fi ħwejjeġ oħra imma, huma jgħadduna bil-qabda.

Missirijietna wrew qlubija tal-għaġeb fit-taqbid bla heda li ta' sikwit kellhom mal-egħdewwa u mal-ħakkiema barranin li f'idejhom waqgħet Gżiritna. Ġrajjiet Malta ġew miktuba bid-demm tal-qalbiena, li waqgħu għall-ħelsien tagħha quddiem Sant'Jiermu, u fuq is-swar tal-ibliet tagħna fi żmien it-Torok... fit-tislit mal-Franċiżi, li għax b'saħħithom dherilhom li d-dinja kellha tkun tagħhom. Ġrajjiet missirijietna ġew ukoll imnaqqxa fuq l-irħam u l-bronż b'lewn ħamrani, għax ma beżgħux iċarċru demmhom quddiem bibien il-Belt Ewlenija tagħna jew bħal Dun Mikiel Xerri, imtertqin bil-balal *ġo misraħ*, fil-Belt.

Ftit qabel ma faqqgħet dil-gwerra faħxija, kont nisma' min igħid: "Issa taraw kemm sa jibżgħu l-Maltin! Dak agħjat u tixhir li jinstemgħu ma' l-ewwel bomba li titwaddab!".... U l-gwerra ġiet, u l-bombi niżlu fuqna bħaxxita, waqqgħulna djarna u qatlulna 'l niesna. Madankollu l-Maltin ġarrbu hemmhom b'sabar u bi qlubija, li għaġġbu saħansitra lill-istess egħdewwa li qabel ma ħaqruna hedduna li kellhom jagħmluna lsiera tagħhom fi żmien jumejn. Ġrajjiet Malta l-lum huma sbieħ daqs ġrajjiet l-imgħoddi!

Missirijietna kienu nies ħielsa, iħobbu l-libertà u għalhekk kienu jħossu rwieħhom kburin. Kull darba li l-gvern ta' dawn il-gżejjer ġieb ruħu ħażin magħhom... mexa bla ħaqq u bla ġieħ... ħaqarhom f'kelma waħda, huma qamu, u wrew xi jsarrfu. L-Istorja ta' Malta hi xhieda ta' dan u fost il-qalbiena li għollew mit-tkasbir il-jeddijiet tagħhom biex igħadduhom bla mtiefsa lil uliedhom u lill-ulied uliedhom... niltaqgħu ma' Mannarinu u ma' Braret! u ma' ħafna oħrajn...

L-istess bħal ta' qabilna aħna nħobbu l-libertà u allaħares min imissilna! U t-tbatijiet kollha li l-lum qegħdin inġarrbu, qegħdin inġarrbuhom fl-isem tal-libertà. Aħna

ġens żgħir tabilħaqq, imma ġens ħieles u għalhekk ġens kburi ! Smajthom lil ħuti li l-għadu xeħet il-barra minn djarhom wara li qeredhomlhom, u fil-waqt li fuq xufftejhom tferrxet tbissima li fis-skiet tagħha tfisser Rebħa, jien smajthom itennu : "Ħalluhom jaħqruna... ħalluhom jaħarqulna ħwejjiġna... b'daqshekk x'ġara ? basta nibqgħu ħielsa u ma naqgħux taħt idejhom !" Dawn huma l-veri Maltin, li jagħmlu ġieħ lil arthom u lil isimhom !

Iva ! il-Maltin tal-lum f'dan ukoll jixbhu lill-Maltin ta' dari.

U fiex ma nixbhuhomx ? Forsi fil-fidi qawwija tagħhom, dik il-fidi li kif qal Kristu, iġġorr il-għoljiet u twarrab kull xkiel...

Il-lhud kellhom drawwa jgħidu : "Missirijietna fik ittamaw, ja Mulej, u huma qatt ma ġew mistmerra !" Dalkliem nistgħu ngħiduh ukoll mill-Maltin tal-qedem, għax huma dejjem qiegħdu tamithom f'Alla u qatt f'saħħithom, fi sbuħithom jew f'għerfhom. Il-knejjes kbar u għonja li ħallewlna... id-djar għall-foqra, għall-iltiema... l-isptarijiet li tellgħu bi flushom jixhdu dil-fidi sħiħa, dit-tama tal-għaġeb u fuq kollox dik l-imħabba ewlenija, li hi l-ħajja u r-ruħ ta' għamilhom.

Il-lum il-Malti ddgħajjef xi ftit u ħajtu m'għadhiex nisranija kif iridha Pawlu, li Missirijietna laqgħu fosthom f'dik il-għodwa xitwija taħt sema ta' theddid u fost il-ħsejjes tar-ragħad u t-tvenvin tar-riħ. Dan in-nuqqas f'ħeġġitna ġej mill-istess progress li għajjiena, marradna u mewwitna. Minflok ma morna 'l quddiem morna 'l ura bħal qabru, hekk kif darba għanna Dun Karm fil-poeżija "Progress."

Sejrin 'l ura bħal qabru...
Fid-djar mietet is-Sliema
Min dineb jarġa' jidneb
U ma jridx jaf b'indiema.

.............................

Fil-"business", fil-Pulitka
Gideb tnassis bla qies
Kollox Arblu ta' Mejju
Min tala' fuq sar nies.

U l-marella tad-dinja
Tithabbel kull ma tmur
Għax lil min jaf isewwi
In-nies bagħtitu jdur.

U ġralna li aħna tħabbilna wkoll ma' din id-dinja u f'din id-dinja mgħaġġla u ġerrejja, dinja bla sabar, bla heda u bla mistrieħ.. imma ġralna wkoll li bla mistħija ta' xejn, għandna l-ħila ngħajtu :

Imma għandna l-ajruplani
It-talkie, l-wajjerless,
Evviva s-seklu tagħna,
Is-seklu tal-progress.

(Dun Karm.)

Il-Maltin il-lum huma qalb waħda għax il-hemm u n-niket għallimhom jingħaqdu. Jeħtiġilhom issa li fil-ħwejjeġ t'Alla u tar-ruħ jimxu fit-triq lilhom mifruqa minn missirijiethom, u hekk isseħħ it-talba li bl-eluf ġiet imqassma fl-ibliet u fl-irħula tagħna.

Bierek din l-art għażiża
"Sultana tar-Rebħiet ! Tas-Sliem Qawsalla !
Missirijietna bik rebħu l-egħdewwa ;
Newwel dik l-Id qaddisa
Seddaq l-Emmna ta' Malta,
U tagħna kun int l-Omm, il-Ħajja, l-Ħlewwa."

Brother Amedy.

---

M. KISSAUN—"*Il-Ħajja tar-Re u r-Reġina Tagħna.*"

Waslitilna t-tielet edizzjoni tal-ktieb "Il-Ħajja tar-Re u r-Reġina Tagħna", miktub minn M. Kissaun, awtur ta' kotba oħra bil-Malti. Din l-edizzjoni ħarġet bis-saħħa tal-"British Council" li ilu jaħdem żmien fostna għall-kultura Anglo-Maltija. Kissaun jistħoqqlu t-tifħir tagħna l-ewwel-nett, għax il-ktieb hu miktub tajjeb u bi stil mexxej, u t-tieni għax fi żmenijiet imħawda bħal dawn għaraf jagħti ktieb ieħor bil-Malti.